32004D0846(01)

14.12.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 367/29

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ PROXIMA/2/2004

## tat-30 ta' Novembru 2004

## dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-UE f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, EUPOL PROXIMA

(2004/846/KE)

IL-KUMITAT TA' POLITIKA U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 25(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/789/PESK tat-22 ta' Novembru 2004 dwar l-estensjoni tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (EUPOL-PROXIMA), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 8(1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2004/789/PESK jipprovdi li l-Kunsill jawtorizza l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti skond l-Artikolu 25 tat-TUE, inklużi s-setgħat li jaħtar, fuq proposta mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, Kap ta' Missjoni.

(2) Is-Segretarjat-Ġenerali/Rappreżentant Gholi ppropona l-ħatra tas-Sur Jürgen SCHOLZ,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Is-Sur Jürgen SCHOLZ hu b'dan maħtur Kap tal-Missjoni tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (EUPOL PROXIMA) mill-15 ta' Diċembru 2004.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tibda sseħħ fil-jum ta' meta tiġi adottata.

Għandha tibqa' tapplika sa l-14 ta' Diċembru 2005.

Magħmula fi Brussel, nhar it-30 ta' Novembru 2004.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

J. P. H. DONNER